1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni kif emendata;

2. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tbiddel il-proposta f'dan is-sens, skond l-Artikolu 250(2) tat-Trattat KE;

3. Jistieden lill-Kunsill sabiex javżah jekk ikollu l-intenzjoni li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;

4. Jitlob lill-Kunsill sabiex jikkonsultah mill-ġdid jekk ikollu l-intenzjoni li jemenda sostanzjalment proposta tal-Kummissjoni;

5. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jinforma lill-Kunsill u l-Kummissjoni bil-pożizzjoni tal-Parlament.

TEST PROPOST MILL-KUMMISSJONI	EMENDI MILL-PARLAMENT

Emenda 1

Premessa 3(a) ġdida

	3a. Il-Parlament Ewropew għandu jingħata ż-żmien neċessarju, u fi kwalukwe każ mhux inqas minn ħames xhur, biex iwettaq irwol konsultattiv tiegħu, hekk kif definit fl-Artikolu 128(2) tat-Trattat, waqt ir-reviżjoni sħiħa tal-Linji Gwida għall-Impjiegi, prevista li ssir fl-2008.

P6_TA(2007)0049

Riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ir-riforma ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid (2006/2109(INI))

Il-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew tat-22 ta' Ġunju 2006, bl-isem ta' "Lejn settur Ewropew sostenibbli tal-produzzjoni ta' l-inbid" (COM(2006)0319),

— wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 tas-17 ta' Mejju 1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-industrija ta' l-inbid [1],

— wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu ta' l-14 ta'April 1999 dwar il-proposta għal regolament tal-Kunsill li jistabbilixxi l-prezz ta' gwida ta' l-inbid għall-1999 u l-2000 [2], il-pożizzjoni tiegħu tal-11 ta' Frar 1999 [3] u l-pożizzjoni tas-6 ta' Mejju 1999 [4], fir-rigward ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid fil-qafas ta' l-Aġenda 2000, kif ukoll dawk tal-11 ta' Diċembru 2001 [5] u tal-15 ta' Novembru 2005 [6], rigward il-modifika tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999,

---

(1) ĠU L 179, 14.7.1999, p. 1. Regolament emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1791/2006 (ĠU L 363, 20.12.2006, p. 1).
(2) ĠU C 219, 30.7.1999, p. 198.
(3) ĠU C 150, 28.5.1999, p. 289.
(4) ĠU C 279, 1.10.1999, p. 385.
(5) ĠU C 177 E, 25.7.2002, p. 50.
(6) ĠU C 280 E, 18.11.2006, p. 48.

Il-Ħamis, 15 ta' Frar 2007

— wara li kkunsidra d-dokumenti ta' ħidma tal-Kummissjoni bl-isem "L-inbid — Organizzazzjoni Komuni tas-Suq" u "L-inbid -L-ekonomija tas-settur", ta' Frar 2006 ([1]),

— wara li kkunsidra l-konklużjonijiet tas-seminar bl-isem ta' "Sfidi u Prospetti għall-Inbejjed Ewropej" organizzat mill-Kummissjoni fis-16 ta' Frar 2006 ([2]),

— wara li kkunsidra l-istudji esterni li saru f'isem il-Kummissjoni ([3]) u l-Parlament Ewropew,

— wara li kkunsidra l-opinjonijiet u d-diskussjonijiet li tmexxew waqt is-seduta ta' smigħ pubblika dwar settur sostenibbli Ewropew ta' l-inbid, organizzata mill-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali fit-12 ta' Lulju 2006,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 45 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Biedja u l-Iżvilupp Rurali u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Kummerċ Internazzjonali, kif ukoll il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjunali (A6-0016/2007),

A. billi l-vitikultura hija element essenzjali tal-mudell agrikolu multifunzjonali Ewropew, li tirrappreżenta aktar minn 1.6 miljun vinja li jkopru 3.4 miljun ettaru u li tforni 5,4 % tal-valur tal-produzzjoni agrikola tal-Unjoni Ewropea, filwaqt li ma tassorbix ħlief 2,5 % ta' l-infiq tal-Fond Ewropew Agrikolu ta' Garanzija; billi l-vitikultura fiha nfisha teżerċita effett pożittiv fuq l-ambjent, prinċipalment billi tħares il-ħamrija mill-erożjoni, imma wkoll għaliex, bħala regola, tinvolvi l-użu estensiv tar-riżorsi naturali;

B. billi l-vitikultura Ewropea tibqa' settur importanti ta' esportazzjoni, li tirrappreżenta 60 % tal-produzzjoni dinjija;

C. billi l-vitalità ta' dan is-settur għall-esportazzjoni tistrieħ fuq tradizzjoni ta' kwalità li hija rikonoxxuta madwar id-dinja,

D. billi l-Unjoni Ewropea hija l-ewwel produttur, l-ewwel konsumatur u l-ewwel esportatur ta' l-inbid fuq livell dinji,

E. billi l-iżviluppi importanti li seħħu fil-politika agrikola komuni (PAC) u fil-ftehim u n-negozjati internazzjonali ta' l-UE, prinċipalment fil-qafas ta' l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO), mill-aħħar riforma radikali ta' l-organizzazzjoni komuni tas-suq (CMO) tas-settur ta' l-inbid, ibbażata fuq ir-Regolament (KE) Nru 1493/1999, is-sitwazzjoni tas-suq f'dan is-settur u l-esperjenza miksuba mill-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament, kollha jfissru li hemm il-ħtieġa ta' aġġustament għaċ-ċirkostanzi ġodda, u li ma tista' tintalab l-ebda konċessjoni oħra mill-Unjoni Ewropea,

F. billi r-riforma tas-settur ta' l-inbid għandha tiżgura ġejjieni ċert għas-CMO tas-settur ta' l-inbid u l-istabbilità għall-vitikulturisti, u billi jeħtieġ li jkun żgurat li r-riforma ma terġax tkun iddubitata matul in-negozjati taċ-Ċiklu ta' Doha, b'mod partikulari f'dak li jirrigwarda l-appoġġ intern,

G. billi s-settur tal-produzzjoni ta' l-inbid ta' l-Unjoni Ewropea jesiġi li tittieħed pożizzjoni politika soda min-naħa ta' l-UE sabiex ikun promoss il-post ta' l-inbid u tas-settur tal-produzzjoni ta' l-inbid fis-soċjetà tagħna permezz tas-CMO f'dan is-settur ta' politika Ewropea ġenwina għall-produzzjoni ta' l-inbid,

H. billi l-Kummissjoni trid tiżgura li r-riforma tas-settur tiffoka fuq l-iżvilupp ta' politika Komunitarja ġenwina fir-rigward ta' l-inbid li tikkontribwixxi għat-titjib ta' l-istrutturi ta' produzzjoni, l-ipproċessar u fuq kollox tal-kummerċjalizzazzjoni fl-UE, kif ukoll l-iżvilupp ta' swieq ġodda li qed jespandu filwaqt li jiġu kkonsolidati s-swieq tradizzjonali,

I. billi l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq tagħraf il-ħtieġa ta' CMO speċifiku fis-settur ta' l-inbid u tipproponi riforma radikali tas-CMO preżenti,

([1]) http://ec.europa.eu/agriculture/capreform/wine/index_en.htm.
([2]) http://ec.europa.eu/agriculture/capreform/wine/sem_concl_en.pd.
([3]) http://ec.europa.eu/agriculture/eval/reports/wine/index_en.htm.

J. billi huwa possibbli li, fuq il-bażi tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni msemmija hawn fuq u ta' l-istudji u d-dokumenti li jakkumpanjawha, titfassal proposta integrata ta' riforma tas-CMO tas-settur ta' l-inbid li tutilizza elementi li jinsabu fil-varjanti differenti studjati mill-Kummissjoni, mingħajr, madankollu, ma tkun identika ma' kwalunkwe wieħed minn dawn il-varjanti, u li għaldaqstant, l-għażla ta' riforma radikali tas-CMO tas-settur ta' l-inbid, li ġġib magħha bidliet importanti fil-miżuri proposti, għandha tkun meqjusa bħala waħda xierqa sabiex tikseb l-objettivi mixtieqa,

K. billi r-riforma tas-settur ta' l-inbid għandu jkollha bħala objettiv prinċipali t-tisħiħ tad-dinamika u l-kompetittività tas-settur ta' l-inbid Ewropew mingħajr ma jkun hemm telf fis-sehem tas-suq tiegħu fis-swieq internazzjonali, filwaqt li jitqiesu l-interessi tal-produtturi u l-konsumaturi ta' l-inbid Ewropej, ir-rispett tat-tradizzjoni Ewropea tal-vitikoltura kif ukoll il-kwalità u l-awtentiċità ta' l-inbejjed Ewropej,

L. L billi l-ekwilibriju tas-suq ma jistax jinkiseb permezz tal-kontroll tal-kwantitajiet u l-indħil politiku fil-produzzjoni,

M. billi s-sitwazzjoni tas-settur ta' l-inbid teħtieġ riforma ġusta u ambizzjuża, li għandha tiżgura, permezz ta' aġġustamenti radikali tas-CMO fis-settur ta' l-inbid, li l-vitikoltura Ewropea għandha futur reali, mingħajr ma ssir ħsara lill-potenzjal ta' produzzjoni,

N. billi din ir-riforma ambizzjuża għandha tistabbilixxi riżorsi suffiċjenti li jkopru kemm il-finanzjament ta' l-aġġustament meħtieġ għall-modernizzazzjoni tas-CMO fis-settur ta' l-inbid u kwlunkwe konsegwenza soċjali li tista' sseħħ,

O. billi x-xenarju ta' "riforma radikali" tas-CMO fis-settur ta' l-inbid magħżul mill-Kummissjoni jista' jiġi kkritikat, b'mod partikulari għar-raġunijiet li ġejjin:

i) l-analiżi li fuqha qed tibbaża ruħha l-Kummissjoni hija waħda żbaljata: it-tnaqqis fil-konsum intern huwa stmat aktar milli tassew hu (ara d-data ta' l-Organizzazzjoni Internazzjonali tal-Vinja u ta' l-Inbid (OIV)) u hi meqjusa bħala l-kawża maġġuri tad-diffikultajiet li magħhom tiltaqa' l-industrija; is-soluzzjonijiet proposti, b'mod partikulari t-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq ta' massa kbira, mhumiex adattati u ma jindirizzawx l-isfida prinċipali li qed tiffaċċja l-industrija: dik tal-kompetittività; wieħed mis-soluzzjonijiet sabiex l-industrija għat-tkabbir tal-vinja Ewropea tinħareġ mid-diffikultajiet li għaddejja minnhom, huwa li tingħata spinta lid-domanda permezz tal-konkwista tas-swieq Ewropej u dawk mondjali,

ii) il-pjan ta' tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq ta' massa kbira mingħajr dixxerniment li hu qed jirrakkomanda jikkostitwixxi attakk mhux iġġustifikat fuq il-patrimonju Ewropew ta' l-inbid, b'mod partikulari dak taz-zoni l-aktar fraġli, u triq li mhix xierqa biex tkun evitata l-produzzjoni żejda Ewropea u biex tkun imsaħħa l-kompetittività tas-settur f'suq dinji li qed jespandi,

iii) il-liberalizzazzjoni totali tal-potenzjal hija perikoluża għax din tkun tista' tagħmel ħsara lill-isforzi biex ikun stabbilit mill-ġdid il-bilanċ bejn il-provvista u d-domanda u twassal għar-rilokazzjoni tal-vitikoltura; il-kwistjoni vera, li hi dik ta' ċirkulazzjoni aħjar tad-drittijiet ta' tħawwil fi ħdan Stat Membru, għadha ma ġietx indirizzata,

iv) il-proposti mill-Kummissjoni fil-fatt ixaqilbu lejn id-dgħajfien progressiv tal-miżuri ta' regolamentazzjoni tas-suq u ta' appoġġ għall-vitikulturisti, permezz tat-trasferiment ta' fondi mill-ewwel għat-tieni pilastru tal-CAP, jiġifieri lejn l-iżvilupp rurali,

v) Iċ-ċittadini Ewropej huma fil-parti l-kbira tagħhom kritiċi fir-rigward ta' l-iżvilupp tas-settur, il-mod kif qed tiġi mmaniġġjata s-sistema u dwar il-possibilitajiet kummerċjali ta' l-inbejjed Ewropej, filwaqt li, għal kuntrarju, il-pożizzjoni ta' l-inbejjed importati min-'New World' hija msaħħa bil-kbir fis-suq,

vi) mhumiex proposti miżuri suffiċjenti biex jirrispondu għall-ħtieġa ta' titjib ta' l-informazzjoni tal-konsumatur kemm f'dak li jirrigwarda l-kwalità ta' l-inbid kif ukoll f'dak li jirrigwarda l-effetti favorevoli t' l-inbid għas-saħħa meta jittieħed f'kwantitajiet raġonevoli,

vii) il-Kummissjoni qed tipprevedi ristrutturazzjoni tal-vitikultura Ewropea li twassal għall-konċentrazzjoni tal-produzzjoni f'idejn bosta vitikulturisti kbar u twassal għal standardizzazzjoni ta' l-inbejjed prodotti, li sejjer, bħala konsegwenza, iqiegħed f'periklu d-diversità ta' l-inbejjed Ewropej u l-għana ekonomika, soċjali u kulturali ta' bosta reġjuni Ewropej,

P. billi, bħala tweġiba għall-politika kummerċjali aggressiva tan-"New World", is-CMO fis-settur ta' l-inbid trid tevolvi biex trawwem kompetittività akbar fis-settur Komunitarju ta' l-inbid u l-adattament tiegħu għat-tibdil tas-suq dinji, mingħajr ma dan il-pass jittrasforma s-settur Ewropew f'xi valvola tas-sikurezza tas-suq dinji,

Q. billi r-riforma ta' din is-CMO fis-settur ta' l-inbid Ewropew tikkostitwixxi okkażjoni unika għar-restawrazzjoni tal-kompetittività ta' dan is-settur f'kuntest internazzjonali li kulma jmur qed isir aktar kompetittiv,

R. billi r-reviżjoni tas-CMO fis-settur ta' l-inbid għandha timmira li tistabbilizza r-reġjuni li jipproduċu l-inbid u s-settur fit-totalità tiegħu, li tirregola l-provvista u d-domanda bl-aktar mod effettiv u l-aktar integrat filwaqt li tirrispetta t-tradizzjoni Ewropea tal-vitikoltura u l-kwalità u l-awtentiċità ta' l-inbejjed Ewropej, li tikkonvinċi lill-konsumaturi fl-Ewropa u fid-dinja dwar il-vantaġġ fil-kwalita' ta' l-inbejjed Ewropej u li turi li din hija miksuba permezz ta' leġiżlazzjoni Komunitarja integrata u trasparenti, li qieset l-aspett kulturali,

S. billi s-settur Komunitarju ta' l-inbid jippreżenta bosta karatteristiċi speċifiċi fir-rigward tal-metodi ta' tkabbir u l-istrutturi ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni, li jiddistingwuh mis-setturi agrikoli l-oħra, u li għalhekk hemm lok biex wieħed ma jimmirax għall-applikazzjoni tas-sistema ta' pagament waħdieni indipendenti għal dan is-settur,

T. billi wieħed ma jistax itejjeb il-kompetittività tas-settur ta' l-inbid ħlief billi jmexxi azzjonijiet ta' informazzjoni sistematiċi u ta' promozzjoni bil-għan li jkun rkuprat sehem mis-suq fi ħdan il-Komunita' u jkunu kkonkwistati swieq oħra fil-pajjiżi li qed jitfaċċaw; billi fond ta' promozzjoni ad hoc immexxi minn organizzazzjonijiet professjonali u interprofessjonali, assoċjazzjonijiet għal protezzjoni ta' prodotti individwali jew aġenziji ta' żvilupp pubbliku reġjonali għandhom jiġu stabbiliti sabiex jagħtu finanzjament għal attivitajiet promozzjonali bħal dawn,

Prinċipji ġenerali tar-riforma

1. Hu tal-fehma li huwa indispensabbli li wieħed jippromwovi riforma tas-CMO bbażata fuq il-punti fundamentali li ġejjin:

a) is-simplifikazzjoni u l-armonizzazzjoni tal-miżuri leġiżlattivi, ibbażati fuq l-għarfien ta' karatteristiċi speċifiċi tas-settur,

b) it-tisħiħ u t-titjib tal-kompetittività tas-settur Ewropew ta' l-inbid f'kuntest internazzjonali li kulma jmur qed isir iktar kompetittiv,

c) il-manteniment tas-CMO tas-settur ta' l-inbid u tal-baġit Komunitarju allokat lilha fil-qafas ta' l-ewwel pilastru tal-CAP;

d) il-kompatibilità tas-settur ta' l-inbid mal-linji politiċi tal-CAP għal riforma vijabbli tas-CMO fis-settur ta' l-inbid;

e) l-approċċ territorjali li jqis ir-riżorsi naturali billi jiżgura l-konformita' tas-settur tal-vitikultura mar-regoli ta' konformita' reċiproka u tal-prattiki ta' koltivazzjoni agrikola soda, jiġifieri l-introduzzjoni ta' inċentivi li jgħinuhom jorjentaw ruħhom lejn metodi ta' produzzjoni li jikkontribwixxu għal kontroll akbar u aħjar tal-produzzjoni u l-protezzjoni ta' l-ambjent bl-għan aħħari li jinżamm livell deċenti ta' dħul għall-vitikulturisti u t-titjib tal-kwalita' tal-prodott,

f) iż-żamma ta' regoli komuni fi ħdan is-CMO fis-settur ta' l-inbid biż-żieda ta' programm estensiv ta' appoġġ strutturali mmirat lejn it-tisħiħ tal-kompetittivita' u s-sostenibilità tas-settur tal-vitikultura Ewropew;

g) is-sussidjarjetà fl-implimentazzjoni tas-sistema ġdida bbażata fuq l-għarfien ta' programmi nazzjonali ta' appoġġ għall-iżvilupp tas-settur ta' l-inbid li għandha tinkludi linji politiċi u miżuri Komunitarji eliġibbli għal approprjazzjonijiet tas-CMO fis-settur ta' l-inbid, jiġifieri taħt l-ewwel pilastru tal-CAP,

h) l-għarfien gradwali tas-CMO il-ġdida fis-settur ta' l-inbid f'żewġ fażijiet, li tippermetti li ssir evalwazzjoni tar-riżultati fi tmiem l-ewwel fażi — u l-aġġustamenti kollha possibli tal-linji politiċi Komunitarji magħżulin mill-Istati Membri u inklużi fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ u żvilupp għas-settur ta' l-inbid, mingħajr, madanakollu, ma jsiru ebda bidliet fit-tqassim tal-baġit tas-CMO fis-settur ta' l-inbid bejn l-Istati Membri;

i) it-tisħiħ ta' l-irwol u tar-responsabbiltà konġunta ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u organizzazzjonijiet professjonali oħra tas-settur u l-aġġustament tar-reġistru ta' l-għelieqi tad-dwieli,

j) kampanji speċifiċi ta' promozzjoni bil-għan li jikiseb mill-ġdid is-suq u jinfetħu swieq ġodda fi ħdan l-UE u barra minnha, u kampanji ta' informazzjoni bil-ħsieb li jippromwovu konsum responsabbli u moderat ta' l-inbid fl-Ewropea;

2. Jenfasizza li r-riforma għandha wkoll tqis:

a) it-tkabbir ta' l-UE li se jinkludi lill-Bulgarija u r-Rumanija, żewġ pajjiżi li l-produzzjoni ta' l-inbid tagħhom hija waħda importanti u li se jkollhom jadattaw ruħhom kemm għall-miżuri l-ġodda tas-suq u ta' intervent, kif ukoll għall-kontrolli u għall-monitoraġġ tas-sistema ġdida;

b) il-kuntest internazzjonali li qiegħed isir aktar kompetittiv, kemm fil-livell tal-produzzjoni kif ukoll tal-konsum,

c) l-iżvilupp kontinwu tas-suq Ċiniż, li qed jidħol b'mod attiv għall-produzzjoni ta' l-inbid, kif ukoll iż-żieda fil-produzzjoni tal-pajjiżi oħra produtturi ta' l-inbid ġodda, bħall-Awstralja, in-New Zealand, l-Istati Uniti ta' l-Amerika, il-Kanada u l-Afrika t'Isfel,

d) l-impatt tal-ftehim kummerċjali konklużi mill-UE,

e) in-negozjati internazzjonali mmexxija fi ħdan id-WTO fl-ambitu taċ-ċiklu ta' Doha, li m'għandhomx taħt l-ebda ċirkustanza jitfgħu dubju fuq il-prinċipji tar-riforma, li għandhom jiġu integrati f'dan iċ-ċiklu, fuq kollox fejn għandu x'jaqsam ma' appoġġ intern,

f) il-prospettivi tal-CAP, b'mod partikolari l-finanzjament futur tagħha, li diskussjonijiet ser jinbdew dwaru fl-2009;

Deregolazzjoni tas-CMO fis-settur ta' l-Inbid — Politika Komunitarja Unika

3. Jemmen li r-riforma tas-CMO fis-settur ta' l-inbid għandha tistabbilixxi objettivi u toħloq linji politiċi, miżuri ta' bilanċ tas-suq, interventi strutturali u regoli li jirregolaw it-ttikkettar u l-klassifikazzjoni ta' l-inbejjed, filwaqt li ssir definizzjoni ta' l-objettivi tas-CMO fis-settur ta' l-inbid u l-linji politiċi li jistgħu jgħinu sabiex jinkisbu; iqis li din il-konsistenza globali trid, madanakollu, tkun ibbażata fuq il-prinċipju tas-sussidjarjetà, sabiex ikunu rrispettati l-ispeċifiċitajiet nazzjonali u reġjunali u biex juri li l-UE se tagħmel ħilitha permezz ta' linji politiċi koordinati biex tirbaħ is-swieq u l-kunfidenza tal-konsumaturi;

4. Iqis li t-trasferiment ta' fondi mill-ewwel għat-tien pilastru tal-CAP li jimplika finanzjament konġunt, permezz ta' programmi ta' żvilupp agrikolu, imur kontra kull loġika u għandu jiġi rifjutat sabiex il-qofsa finanzjarji nazzjonali jkunu jistgħu jingħataw riżorsi finanzjarji u biex ikun iggarantit żvilupp vijabbli tas-settur permezz tal-miżuri tal-qafas finanzjarju nazzjonali indikati mill-Kummissjoni;

5. Ifakkar li d-distribuzzjoni ta' fondi Komunitarji f'setturi agrikoli oħra li kienu ġew irriformati fi ħdan il-qafas tal-CAP il-ġdida bil-ħolqien ta' "pakketti nazzjonali", seħħet billi ġie adottat approċċ ibbażata fuq il-loġika tas-separazzjoni sħiha jew parzjali ta' l-għajnuna Komunitarja; jenfasizza li s-CMO il-ġdida għandha tiġi bbażata fuq l-implimentazzjoni ta' miżuri omoġenji, komuni għall-Istati Membri kollha, u fuq miżuri li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tas-sussidjarjetà li jippermettu li jitqiesu l-ħtiġijiet speċifiċi tas-settur f'kull Stat Membru jew reġjun ta' produzzjoni; iżid li, f'kull Stat Membru, is-settur (produzzjoni, kummerċ, korpi interkummerċjali, reġjuni ta' produzzjoni, etc.), f'koperazzjoni ma' l-amministrazzjoni reġjonali u nazzjonali, għandha twaqqaf, permezz ta' serje ta' programmi, il-mod kif għandu jintlaħaq l-objettiv ta' l-adattazzjoni tal-produzzjoni għas-suq permezz ta' wieħed jew aktar mill-miżuri bejn dawk imfissra fil-kuntest tal-pakkett nazzjonali,; hu tal-fehma li l-miżuri li jaqgħu fi ħdan l-ambitu tas-sussidjarjetà għandhom ikunu mfissra u sorveljati f'livell Ewropew sabiex ikun evitat it-tgħawwiġ tal-kompetizzjoni u jkun iffinanzjat għal kollox mill-baġit tal-Komunità;

Riforma f'żewġ fażijiet (2008-2011 u 2012-2015)

6. Huwa tal-fehma li biex tilħaq l-objettivi tagħha, ir-riforma għandha tiddaħħal gradwalment f'żewġ fażijiet; matul l-ewwel fażi (2008-2011), l-objettiv għandu jkun il-bilanċ, l-organizzazzjoni mill-ġdid u ż-żieda fit-trasparenza tas-suq, it-tisħiħ tal-korpi ta' produzzjoni u ta' reġjuni li jipproduċu l-inbid, permezz ta' l-adozzjoni progressiva ta' miżuri, li essenzjalment se jkun ta' natura Komunitarja uniformi, u tipprepara lis-settur Ewropew ta' l-inbid għal ftuħ aktar aggressiv tas-swieq filwaqt li gradwalment jittrasferixxu r-riżorsi rkuprati mid-distillazzjoni lejn l-appoġġ għall-kompetittività u l-iżvilupp;

7. Jinnota li, minħabba l-iskala probbabli tal-konsegwenzi tar-riforma, il-kumplessità tagħha u l-ħtieġa għal approċċ gradwali fl-implimentazzjoni tagħha, jidher li hu indispensabbli li ssir evalwazzjoni ta' nofs it-terminu b'fażi intermedjarja fi tmiem l-ewwel fażi, iddedikata għall-evalwazzjoni ta' l-ewwel impatt u biex eventwalment isir aġġustament mill-ġdid tar-riżorsi kollha li diġà huma applikati u dawk li jkunu għadhom ma ġewx applikati filwaqt li jitqiesu l-objettivi oriġinali;

8. Jenfasizza li, peress li s-sitwazzjoni attwali teħtieġ l-adozzjoni immedjata ta' miżuri biex ikunu solvuti l-problemi tas-settur Ewropew tal-vitikultura, il-linji politiċi mfassla sabiex jappoġġjaw ir-riforma — sew jekk bil-baġit Komunitarju preżenti sew jekk, fejn meħtieġ, b'żieda fih — għandhom jiġu implementati fil-bidu, b'qawwa dejjem akbar fil-każ ta' uħud minnhom, bħall-promozzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni u ta' titjib fil-kwalità, filwaqt li oħrajn ikunu applikati b'qawwa dejjem tonqos, bħall-politika tal-mekkaniżmi ta' intervent fis-suq;

Riforma fil-fond tas-CMO fis-settur ta' l-inbid — Kompatibilità mal-CAP il-ġdida

9. Jisħaq li l-vitikultura bħala prinċipju twettaq azzjoni pożittiva fuq l-ambjent, prinċipalment billi tħares il-ħamrija mill-erożjoni, imma wkoll għax, b'mod ġenerali, tinvolvi l-użu estensiv tar-riżorsi naturali; iqis li, għal dawn ir-raġunijiet, u bil-għan li s-sistema tkun armonizzata fl-ispirtu tal-CAP il-ġdida, jeħtieġ li jkunu appoġġati u ffinanzjati mill-baġit tas-CMO fis-settur ta' l-inbid fuq livell Komunitarju l-prattiki bażiċi ta' koltivazzjoni agrikola li tkun favur l-ambjent;

Kontroll tal-produzzjoni għall-monitoraġġ tal-kwalita', l-impatt ambjentali u l-ekwilibriju tas-suq

10. Jenfasizza li l-istabbiliment ta' qafas li jiddefinixxi l-mod ta' produzzjoni ta' l-inbejjed tal-mejda se jgħin ukoll biex ikunu ċċarati l-kundizzjonijiet tal-kummerċjalizzazzjoni tagħhom u biex jintgħarfu mill-inbejjed ta' indikazzjoni ġeografika, li l-produzzjoni tagħhom hija suġġetta għal kundizzjonijiet ħafna aktar stretti u li huma mħarsa fil-livell lokali u reġjonali;

11. Jikkunsidra li l-konformita' tal-vitikulturisti jkunu obbligati jikkonformaw ruħhom ma' prattiki ta' kultura u ma' normi ambjentali, f'dak li jirrigwarda prodotti fitosanitarji u oħrajn, bil-għan li jikkontribwixxu għall-ħarsien ta' l-ambjent, għall-kontroll tal-produzzjoni primarja, għal-limitazzjoni tal-potenzjal produttiv, għall-ġlieda kontra l-eċċess fil-produzzjoni u għat-titjib tal-kwalità ta' l-inbejjed, biex b'hekk jitnaqqsu għad-distillazzjoni;

Distillazzjoni — mekkaniżmu ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet u ta' stabbilizzazzjoni tas-suq, il-ħarsien ta' l-ambjent u t-titjib tal-kwalità

12. Jisħaq li l-proposti mill-Kummissjoni dwar li tibqa' ssir id-distillazzjoni jew l-irtirar ta' prodotti sekondarji mingħajr finanzjament ma għandux sens, peress li d-distillazzjoni tikkonċerna lill-produtturi ta' l-inbid, filwaqt li t-twettiq tagħha tikkonċerna d-distillaturi, li fil-fatt irendi l-miżura mingħajr siwi; jenfasizza wkoll li l-proposta mill-Kummissjoni dwar l-irtirar ikkontrollat tal-prodotti sekondarji tal-vinifikazzjoni se toħloq problemi ambjentali serji fir-reġjuni l-kbar li jipproduċu l-inbid; jinnota li l-proposta għall-eliminazzjoni tad-distillazzjoni għal finijiet doppji se jwassal għall-vinifikazzjoni ta' ammonti kbar, u b'hekk tfixkel bil-kbir is-suq reġjonali u Ewropew, filwaqt li joħloq problemi fi ħdan ir-reġjuni; jagħmilha ċara li, hekk kif tipproponi l-proposta mill-Kummissjoni, nuqqas ta' assorbiment ta' l-eċċessi ta' produzzjoni eżistenti se jkollu effetti ħorox, mhux biss fis-suq imma wkoll fid-dħul finanzjarju tal-vitikulturisti;

13. Jenfasizza li d-distillazzjoni ta' l-inbid kienet ġiet introdotta fil-bidu bħala miżura t'urġenza biss, imma li din saret il-parti li l-aktar għalja u l-aktar waħda disputibbli tas-CMO fis-settur ta' l-inbid; bħala konsegwenza jindika li s-sistemi ta' distillazzjoni għandha titneħħa gradwalment matul perijodu ta' transizzjoni raġonevoli li jkun jippermetti lill-produtturi ta' l-inbid li jiffokaw mill-ġdid jew li jduru lejn metodi ta' produzzjoni aktar sostenibbli u lejn il-produzzjoni ta' inbejjed ta' kwalità; jagħmilha ċara li, matul dan il-perijodu ta' tarnzizzjoni, il-produtturi ta' l-inbid li jkunu bbenifikaw mid-distillazzjoni għandhom jingħataw il-possibbilta' li jidħlu fis-swieq ta' kwalità, billi jirrikorru għal skemi tal-qlugħ mill-għeruq, immaniġġjar tal-provvista volontarja u miżuri ta' żvilupp rurali, bil-għan li jkun hemm kummerċjalizzazzjoni aħjar ta' l-inbejjed ta' kwalità u li jkun hemm diversifikazzjoni;

14. Huwa kontra l-eliminazzjoni immedjata tal-mekkaniżmu ta' distillazzjoni u ta' miżuri oħra ta' appoġġ tas-suq, għaliex, minkejja li hemm b'mod evidenti lok għal titjib fl-ippjanar u l-użu ta' dawn il-miżuri, ma jidhirx li hu xieraq li jkunu eliminati mingħajr perijodu ta' transizzjoni sabiex ikunu evalwati l-vantaġġi li joffru xi wħud minnhom; jenfasizza li, matul iż-żmien ta' transizzjoni, ikun jaqbel li jitnaqqsu b'mod progressiv l-ammonti ta' flus allokati għall-mekkaniżmi ta' intervent fuq is-suq filwaqt li jkunu msaħħa l-miżuri li għandhom il-għan li jtejbu l-kwalità u li jippromwovu l-kummerċjalizzazzjoni ta' l-inbejjed Ewropej;

15. Hu tal-fehma li hu xieraq li jinżammu l-għajnuniet għad-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji mill-inbid biex tkompli tkun garantita l-kwalità ta' l-inbejjed Ewropej u jkunu evidenti kwalunkwe ħsara fuq l-ambjent li jirriżultaw mill-irtirar tal-prodotti kkonċernati; hu tal-fehma li jkun jaqbel ukoll li jibqa' jinżamm l-appoġġ għad-distillazzjoni ta' alkoħol għax-xorb, għax din hija kwistjoni ta' l-unika distillazzjoni li verament għandha prospetti kummerċjali;

16. Iqis li d-distillazzjoni ta' prodotti sekondarji trid tkun irriveduta fl-implimentazzjoni tagħha, sabiex tkun tiswa inqas fuq il-livell Komunitarju, b'mod partikolari billi jkun permess il-bejgħ ta' ftit mill-alkoħol lejn direzzjonijiet oħra, bħall-alkoħol għax-xorb;

17. Hu tal-fehma li huwa meħtieġ li, matul l-ewwel fażi tar-riforma, l-erba' miżuri preżenti ta' distillazzjoni jkunu kkonvertiti fi tnejn:

a) distillazzjoni obbligatorja li tkun isservi ta' xibka ta' sikurezza u li tkun tippermetti l-organizzazzjoni gradwali mill-ġdid filwaqt li taqdi objettivi ambjentali u ta' kwalità;

b) distillazzjoni volontarja ta' alkoħol ta' l-inbid li tippermetti li jkun adattat is-settur ta' l-alkoħol ta' l-inbid utilizzat għall-finijiet ta' inkorporazzjoni f'ċerti prodotti bbażati fuq l-inbid (inbid likoruż, brandijiet) jew għall-finijiet ta' bilanċ ta' l-inbid;

18. Jidhirlu li huwa meħtieġ li jinħoloq mekkaniżmu ġdid ta' mmaniġġjar tal-kriżijiet, li wieħed jista' jirrikorri għalihom quddiem sitwazzjonijiet ta' urġenza speċifiċi, gravi u ġenwini, iddefiniti skond kriterji oġġettivi mfissra minn qabel f'livell Komunitarju;

19. Hu tal-fehma li jeħtieġ li jkun eliminat il-ħżin pubbliku ta' alkoħol u li l-bejgħ ta' alkoħol li jkun ġej minn distillazzjoni ta' kriżi ikun issostitwit mill-organizzazzjoni immedjata ta' bejgħ dirett permezz ta' sejħiet għall-offerti;

Tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq mingħajr restrizzjonijiet — Tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq skond kriterji

20. Jisħaq li, fil-komunikazzjoni mill-Kummissjoni hawn fuq imsemmija, l-enfasi qiegħda fuq it-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq bħala miżura mmirata biex tnaqqas il-produzzjoni u n-numru ta' ħaddiema fis-settur minflok ma tippromwovi l-kontroll tal-produzzjoni permezz ta' miżuri ta' regolamentazzjoni tal-provvista u d-domanda; hu tal-fehma li din il-politika se timpedixxi ir-rinforz mixtieq tal-kompetittività tas-settur tal-vitikultura; isostni li t-tisħiħ tas-sussidjarjetà ma jistax ikun il-ġustifikazzjoni ta' deregolamentazzjoni bla rażan, li se tispiċċa f'kompetizzjoni inġusta, anke 'l ġewwa mill-fruntieri ta' l-UE;

21. Jidhirlu li l-kwistjoni ta' l-abbandun definittiv tal-vitikultura ma tistax tikkostitwixxi l-qofol tar-riforma tas-CMO fis-settur ta' l-inbid, imma għandha tkun biss parametru ta' l-interventi strutturali ffinanzjati mill-baġit tas-CMO fis-settur ta' l-inbid permezz ta' qofsa finanzjarji nazzjonali, bil-għan li jitqajjem mill-ġdid il-potenzjal tal-vitikultura u li jintlaħaq l-adattament progressiv tas-settur ta' l-inbid għall-ħtiġijiet fis-suq;

22. Hu tal-fehma li l-inizjattiva ta' abbandun definittiv għandha tkun f'idejn il-produttur, bil-kundizzjoni li l-Istati Membri jkollhom il-possibiltà li japprovaw jew jirrifjutaw l-abbandun definittiv fuq il-bażi ta' kriterji ambjentali u soċjali, nazzjonali u/jew reġjonali, li jkunu kompatibbli mal-kondizzjonijiet mfissra minn qabel fil-livell Komunitarju; jidhirlu li huwa importanti li tkun prevista għal kull Stat Membru jew kull reġjun il-possibilità li jistabbilixxi b'mod flessibbli l-ogħla limitu awtorizzat għat-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq f'kull reġjun u l-possibilità li jagħżlu liema kategoriji ta' nbid se jkollhom prijorità fil-programm ta' tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq;

23. Iqis li kriterji oġġettivi tal-Komunità li jillimitaw il-possibilità ta' abbandun definittiv jistgħu jikkonċernaw, fost l-oħrajn, il-każi li ġejjin: a) għelieqi tad-dwieli li jinsabu f'reġjuni muntanjużi, kostali u ta' gżejjer li prinċipalment jipproduċu inbejjed b'indikazzjonijiet ġeografiċi, b) il-vinji fuq artijiet inklinati fejn l-erożjoni tal-ħamrija u t-telf tal-bijodiversità jridu jkunu evitati jew f'reġjuni tradizzjonali ta' importanza storika, c) l-għelieqi tad-dwieli li jipproduċu inbejjed għal stabbilimenti kummerċjali, d) l-għelieqi tad-dwieli fejn tnaqqis eċċessiv jhedded l-eżistenza ta' territorju sħiħ jew denominazzjoni ta' oriġini reġistrata; e) l-għelieqi tad-dwieli li jirċievu għajnuna strutturali fil-qafas ta' programmi Komunitarji, f) każi fejn l-abbandun tal-vitikultura jwassal għal riskji ambjentali;

Il-Ħamis, 15 ta' Frar 2007

24. Iqis li l-kriterji oġġettivi tal-Komunità li huma konformi ma' ristrutturazzjoni aktar ġenerali tal-potenzjal produttiv u uman fl-ambjent rurali u li jistgħu jiffaċilitaw l-għażla ta' abbandun definittiv jistgħu jinkludu l-każi indikattivi li ġejjin: a) għelieqi tad-dwieli li issa għandhom rendiment baxx ħafna u li m'għandhom l-ebda prospett li jirkupraw il-potenzjal tagħhom, b) każi fejn il-vitikulturisti huma inklużi fl-iskema ta' l-irtirar kmieni; c) għelieqi tad-dwieli li ma jkunux adattati għall-produzzjoni ta' inbejjed ta' kwalità jew li għandhom opportunitajiet għall-kummerċjalizzazzjoni;

25. Jirrakkomanda li, minbarra l-iskema ta' abbandun definittiv, jista' jiġi introdott it-tagħżiq temporanju biex jinqalgħu l-għeruq fejn kull Stat Membru jiddeċiedi jekk għandux jintroduċiha; iqis li t-tagħżiq temporanju biex jinqalgħu l-għeruq jippermetti li jingħata appoġġ finanzjarju lill-vitikulturista, minħabba li d-drittijiet ta' tħawwil ikunu konsolidati għal diversi snin, li fi tmiemhom il-vitikulturista jkun jista' jerġa' jħawwel, jiddisponi mid-drittijiet tiegħu ta' tħawwil jew japplika għall-konverżjoni għal tagħżiq permanenti biex jinqalgħu l-għeruq jekk l-iskema tkun prevista mill-Istat Membru relevanti;

26. Isostni li z-zoni jew il-vinji li jkunu ġew magħżqa biex jinqalgħu l-għeruq u li għalihom għandu jingħata kumpens b'rata fissa għandhom ikunu jistgħu jiġu miżjuda maz-zoni eliġibbli għall-għoti ta' drittijiet għal għajnuna diżakkopjata unika; jemmen li meta jkunu stipulati rekwiżiti minimi sabiex fl-istabbiliment tas-sussidju għat-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq u ta' l-għajnuna unika jitqies l-ambjent sabiex tkun evitata d-degradazzjoni taż-żoni rurali; iqis li l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jipprovdu lill-vitikulturisti integrati fil-programm ta' tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq appoġġ addizzjonali mir-riżorsi tal-programm ta' appoġġ u żvilupp għas-settur ta' l-inbid jew mill-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' varjazzjoni (fluctuation mechanism) u/jew permezz tat-tqassim mill-ġdid tar-riserva nazzjonali tad-drittijiet ta' għajnuna unika sabiex l-appoġġ għall-produtturi jkun jista' jilħaq il-livell tal-pagament dirett diżakkopjat nazzjonali jew reġjonali; iqis li l-ebda kumpens ma jista' jitħallas għat-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq ta' pjantaġġuni illegali;

Projbizzjoni ta' pjantaġġuni ġodda — Liberalizzazzjoni gradwali ta' pjantaġġuni ġodda

27. Iqis li għandha tiġi segwita proċedura għaqlija u trasparenti għall-allokazzjoni gradwali mill-ġdid tad-drittijiet ta' tħawwil ġodda, sabiex ikun evitat l-iżvilupp inkontrollabbli tal-potenzjal tal-vitikoltura ta' l-UE ikollha impatt negattiv fuq is-suq; iqis li l-Istati Membri għandhom jippreżentaw programmi li jkopru l-livell ta' tħawwil maħsub, evalwazzjoni ta' l-iżvilupp fl-għoti ta' drittijiet, il-varjetajiet konċernati f'kull reġjun u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni; isostni li d-drittijiet ġodda ta' tħawwil għandhom ikunu intenzjonati primarjament għall-bdiewa żgħażagħ, għall-produtturi ta' nbejjed ta' kwalità u għall-impriżi li jkunu ġew integrati fi programmi ta' titjib tal-kwalità u tal-kummerċjalizzazzjoni, u li għandhom jiġu integrati fir-reġistru ta' l-inbid hekk kif aġġustat mill-ġdid; jemmen li kull Stat Membru — f'koperazzjoni mar-reġjuni, l-assoċjazzjonijiet settrojali u ma' gruppi ta' produtturi — għandu, qabel ma titnieda l-għotja ta' drittijiet ġodda ta' tħawwil, jevalwa l-programm għat-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq u l-iżvilupp tiegħu; iqis li, qabel ma jingħataw drittijiet ġodda ta' tħawwil, għandha ssir evalwazzjoni tas-sitwazzjoni f'dak li għandu x'jaqsam mal-pjantaġġuni mhux legalizzati jew illegali;

28. Jenfasizza li, fir-rigward taz-zoni li jipproduċu inbejjed b'indikazzjonijiet ġeografiċi, jaf ikun meħtieġ li d-deċiżjonijiet dwar il-liberalizzazzjoni jittieħdu mill-awtoritajiet reġjonali kompetenti, minħabba l-bżonn li jitħares il-valur ta' l-investimenti mwettqa mill-vitikulturisti f'dawn iz-zoni, sabiex jiġi evitat li l-indikazzjoni konċernata titlef il-preġju tagħha u biex jinżamm il-kontroll tal-kwalità tal-prodott;

29. Iqis li l-pjantaġġuni l-ġodda ma jistgħux jitqiesu bħala fost il-miżuri eliġibbli għall-fondi — bħalma huma r-ristrutturazzjonijiet, il-prattiki ta' kultivazzjoni u l-konformita' reċiproka, l-immaniġġjar tal-kriżijiet tas-suq — imma li jistgħu, mill-banda l-oħra, jitqiesu inter alia bħala azzjonijiet kollettivi ta' l-organizzazzjonijiet ta' produtturi u/jew ta' l-organizzazzjonijiet settorjali li jsegwu linji politiċi ta' promozzjoni, ta' informazzjoni għall-konsumatur, u ta' stħarriġ tas-suq u ta' kumpens fil-każ ta' diżastri naturali li huma inklużi fil-programmi nazzjonali ta' appoġġ u żvilupp għas-settur ta' l-inbid;

Reġistru pubbliku ta' l-għelieqi tad-dwieli — Strument ta' kontroll u mmaniġġjar effettivi tas-CMO fis-settur ta' l-inbid

30. Jirrakkomanda li l-Istati Membri jżommu reġistru pubbliku ta' l-għelieqi tad-dwieli li jindika l-varjetajiet imħawla u n-numru ta' dwieli f'kull unità (skond ir-Regolament (KEE) Nru 2392/86) [1];

31. Jenfasizza li r-reġistru ta' l-għelieqi tad-dwieli huwa l-istrument prinċipali għall-kontroll tar-rispett tal-limiti ta' produzzjoni;

[1] Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2392/86 ta' l-24 ta' Lulju 1986 li jistabbilixxi reġistru tal-Komunità għall-għelieqi tad-Dwieli (ĠU L 208, 31.7.1986, p. 1). Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1631/98 (ĠU L 210, 28.7.1998, p. 14).

Tisħiħ ta' l-inbid

32. Huwa konxju tal-fatt li t-tisħiħ ta' l-inbid għandu impatt dirett fuq il-livelli ta' produzzjoni, peress li jista' jinvolvi żieda tal-kwantità prodotta għal kull ettaru; jenfasizza li, madankollu l-kwistjoni taż-żamma jew tat-tneħħija ta' l-għajnuniet għall-għeneb magħsur konċentrat u għall-għeneb magħsur konċentrat rettifikat ma tistax tiġi diżassoċjata minn dik tat-tneħħija jew taż-żamma tat-tisħiħ bl-għajnuna tas-sakkarosju, waqt li jitqiesu bl-istess mod it-tnaqqis fil-prezz taz-zokkor — konsegwenza tar-riforma tas-CMO fis-settur taz-zokkor, it-tradizzjonijiet enoloġiċi differenti ta' l-Istati Membri, l-opportunità u l-fattibilità teknika ta' tnaqqis ta' dawn il-prattiċi enoloġiċi taħt limiti kwantitattivi preċiżi, u kif ukoll l-utilizzazzjoni eventwali ta' l-għeneb magħsur għal fini oħra, b'inċidenza pożittiva fuq it-tnaqqis ta' l-inbid żejjed;

33. Iqis li l-Istati Membri jistgħu jorbtu l-awtorizzazzjoni għat-tisħiħ ta' l-inbid biz-zokkor ma' kundizzjonijiet tali li l-kontroll ta' miżuri li jtejbu l-kwalità (pereżempju r-rispett għall-ogħla limiti ta' produzzjoni) u mal-kundizzjonijiet klimatiċi;

34. 34 Iqis li t-tisħiħ taz-zokkor għandu jiġu awtorizzat fir-reġjuni vitikoli kollha fejn kien tradizzjonalment użat u fejn ma jeżistux eċċessi strutturali; jemmen li l-proposta mill-Kummissjoni intenzjonata biex jitnaqqas il-livell massimu ta' tisħiħ mhix ġustifikata u li r-regoli attwali għandhom jibqgħu fis-seħħ;

35. Iqis li it-tisħiħ ta' l-inbid biz-zokkor m'għandhiex tiġi pprojbita, peress li dan ikun jikkostitwixxi diskriminazzjoni fir-rigward ta' l-Istati Membri li jinsabu fir-reġjuni ta' l-Unjoni Ewropew fejn il-prattika tal-vitikultura hija aktar diffiċjli minħabba kundizzjonijiet klimatiċi inqas favorevoli; barra minn hekk iqis li kull deċiżjoni f'dan il-qasam għandha tibqa' f'idejn il-produtturi u mhux tkun regolata mil-leġiżlazzjoni Komunitarja;

36. Jenfasizza l-bżonn li tiġi pprovduta għajnuna għall-għasriet u għall— għasriet konċentrati rettiffikati li jintużaw għall-arrikkiment, billi huma meħtieġa għall-preservazzjoni ta' prattiċi enoloġiċi storiċi;

37. Jisħaq dwar il-bżonn li tibqa' tingħata għajnuna għal most użat fil-produzzjoni ta' l-għasir ta' l-għeneb, bil-għan li jiġi kkonservat prodott użat għal għan lilhinn mill-produzzjoni ta' l-inbid u li huwa importanti għas-settur u jgħin sabiex jinżamm l-ekwilibriju fis-suq;

38. Iqis li, jekk it-tisħiħ isir permezz taż-żieda ta' għeneb magħsur konċentrat, dan għandu jiġi mill-istess zona ta' produzzjoni;

39. 39 Jindika li l-istudju li stabbilixxa rapport bejn it-tisħiħ bl-għajnuna taz-zokkor u l-produzzjoni eċċessiva ta' nbid fl-UE jmur lura għall-1991, u m'għadux jikkorrispondi għall-kundizzjonijiet attwali tas-suq, u fi kwalunkwe każ ma pprovdiex *data* sinifikattiva;

Intervent pubbliku dwar l-alkohol — ħżin privat ta' l-inbid u ta' għeneb magħsur

40. Iqis li għandha tiġi eżaminata l-possibilità li jinżammu l-ħżin privati ta' l-inbid u ta' l-għeneb magħsur, għall-inqas matul l-ewwel fazi tar-riforma (2008-2011), filwaqt li jitqiesu r-restrizzjonijiet previsti fuq id-distillazzjoni u t-tneħħija tal-ħżin pubbliku;

Organizzazzjonijiet professjonali u interprofessjonali

41. Jisħaq li l-organizzazzjonijiet settorjali jistgħu, jekk għal dan il-għan jinħoloq qafas Komunitarju li jawtorizzahom li jagħmlu dan, jieħdu inizjattivi li jistgħu pereżempju jikkonsistu fl-akbar sfruttament tal-potenzjal produttiv, l-informazzjoni għall-konsumatur dwar il-konsum bil-qies ta' l-inbid, it-twettiq tar-riċerka meħtieġa sabiex il-produzzjoni tiġi orjentata lejn prodotti li jkunu adattati aħjar għall-ħtiġijiet tas-suq intern u f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-esportazzjoni, l-investimenti kummerċjali indispensabbli, it-tiftix ta' mezzi ġodda biex jiġi ristrett l-użu ta' sustanzi fitofarmaċewtiċi, il-bidla lejn il-biedja organika, eċċ.;

42. Jistieden lill-Kummissjoni biex, fil-proposta tagħha, tindika r-rieda tagħha biex tirriforma s-settur tal-produzzjoni ta' l-inbid, l-iktar billi tmexxi politika Komunitarja effettiva u konkreta għall-promozzjoni ta' l-inbid Ewropew, permezz tal-provvediment ta' impenji finanzjarji xierqa;

Il-Ħamis, 15 ta' Frar 2007

43. Iqis li hemm bżonn jiġi kostitwit fond speċjali għall-promozzjoni ta' l-inbejjed Ewropej permezz ta' l-organizzazzjonijiet professjonali, settorjali u għall-ħarsien tal-konsumatur u aġenziji pubbliċi għall-iżvilupp reġjonali;

44. Iqis li l-Kummissjoni għandha tistabbilixxi linji gwida ġenerali għall-implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' promozzjoni ta' l-inbejjed Ewropej imsejsa fuq il-konsum bil-qies u responsabbli ta' l-inbid u akkumpanjati mill-finanzjament meħtieġ;

Tikkettar u promozzjoni ta' l-inbid Ewropew

45. Hu tal-fehma li l-Unjoni Ewropew għandha jkollha bħala għanijiet il-konsolidazzjoni ta' l-ishma tas-suq, l-identifikazzjoni u l-ħarsien ta' l-inbejjed ta' oriġini ġeografika speċifika fil-livell dinji; jirrimarka li dawn l-inbejjed se jintgħarfu aktar malajr jekk it-tikkettar ikun simplifikat;

46. Iqis li jekk jiġi prodott inbid ta' kwalità permezz ta' metodi tradizzjonali u jkollu tikkettar speċifiku, mingħajr ma' fl-istess ħin ikun hemm promozzjoni xierqa ta' dan il-prodott fis-suq dinji, m'hix biżżejjed biex jiġi żgurat li t-talba tinżamm kif inhi jew possibilment tiżdied; iqis li, għal dan il-għan, huwa indispensabbli li jiġu formulati miżuri speċifiċi, finanzjati kif suppost, immirati biex isaħħu l-kapaċità li l-kwalità ta' l-inbid Ewropew issir magħruf fis-suq dinji;

47. Iqis li, meta wieħed jara d-definizzjoni mill-ġdid ta' dan l-aħħar tad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar fir-Regolamenti (KE) Nru 1991/2004 ([1]) u (KE) Nru 1427/2004 ([2]), għandha ssir evalwazzjoni ta' l-effetti tal-modifiki li saru qabel ma ssir kwalunkwe modifika ulterjuri;

48. Jenfasizza li l-prattiċi enoloġiċi li ma ġewx awtorizzati fi ħdan l-UE għandhom jintwerew b'mod ċar fuq it-tikketti li jakkumpanjaw ix-xorb importat li jirreferu għad-dehra ta' l-inbid;

49. Iqis li t-tikkettar ta' l-inbid huwa indispensabbli; iqis, madankollu, li m'għandux ikun aktar kumplikat mit-tikkettar ta' l-inbid li jkun ġej minn pajjiżi terzi;

50. Jirrakkomanda l-armonizzazzjoni tar-regoli ta' l-Istati Membri f'dak li għandu x'jaqsam mal-lingwa użata fuq it-tikketta, bl-għan li l-operaturi ma jkunux obbligati li jittraduċu minn lingwa għal oħra, ċerta informazzjoni fejn it-terminu użat fil-pajjiż ta' destinazzjoni hu simili ħafna u fejn, għalhekk, m'hemm l-ebda riskju li l-konsumatur jiżballja;

Politika dinamika u ambizzjuża għall-kummerċ barrani ta' l-inbejjed ta' l-UE bħala pilastru tad-CMO fis-settur ta' l-inbid

51. Jindika li d-diffikultajiet li jaffaċjaw lis-settur ta' l-inbid li jirriżultaw prinċipalment minħabba ż-żieda fl-importazzjoni ta' l-inbid minn pajjiżi terzi u ż-żieda fil-kwantità ta' stokkijiet ta' l-inbid li jaqbżu l-produzzjoni ta' sena u li ftit hemm ċans li jinbiegħu, jiġbdu lill-prezzijiet u lid-dħul tal-produtturi 'l isfel u hemm bżonn li jiġu affrontati billi jiġi stabbilit sett ta' prijoritajiet bażiċi li ma tqiesx fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni msemmija hawn fuq, inklużi pereżempju t-tħeġġiġ ta' konsum moderat u responsabbli, ir-allokazzjoni mill-ġdid tar-riżorsi baġitarji bl-intenzjoni li jintlaħqu konsumaturi ġodda u li jiġu kkonkwistati swieq ġodda, jew anke li jerġgħu jiġu kkonkwistati swieq mitlufa, il-promozzjoni tal-kwalità u imbuttatura għar-riċerka;

52. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tagħmel l-isforzi kollha possibbli sabiex tissaħħaħ il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi, billi żżid ir-rekwiżiti u toħloq qafas komuni għalihom f'livell Ewropew kif ukoll fuq livell bireġjonali u multilaterali speċjalment fid-WTO u fil-Ftehima dwar l-Aspetti Relatati mal-Kummerċ tad-Drittijiet ta' Propjetà Intelletwali (Ftehima TRIPS) għall-ħolqien ta' reġistru multilaterali ta' nbejjed u spirti, u sabiex tiġġieled l-iffalsifikar u kwalunkwe forma ta' użu ħażin ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi Ewropej u d-denominazzjonijiet tradizzjonali ta' pajjiżi terzi;

([1]) Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1991/2004 tad-19 ta' Novembru 2004 li jimmodifika r-Regolament (KE) nru 753/2002 li jistabbilixxi ċerti regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1493/1999 dwar id-deskrizzjoni, id-denominazzjoni ta' l-oriġini, il-preżentazzjoni u l-protezzjoni ta' ċerti prodotti fis-settur ta' l-inbid (ĠU L 344, 20.11.2004, p. 9).

([2]) Regolament (KE) Nru 1427/2004 tad-9 ta' Awissu 2004 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1622/2000 li jistabbilixxi ċerti regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1493/1999 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq ta' l-inbid u li jistabbilixxi kodiċi tal-Komunità ta' prattiċi u proċessi oenoloġiċi (ĠU L 263, 10.8.2004, p. 3).

53. Iqis li hu neċessarju li tkun żgurata protezzjoni aħjar ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (PGI) u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini protetti fil-kuntest tan-negozjati tad-WTO u tal-ftehim bilaterali, bħala kontribut ewlieni għaż-żamma ta' produzzjoni ta' inbid ta' kwalità marbuta ma' l-inħawi u l-prattiki lokali;

54. Jenfasizza li sabiex tissaħħaħ il-kompetittività tas-settur fis-swieq internazzjonali, hemm bżonn li tiġi stabbilita politika kummerċjali esterna għall-inbejjed Ewropej proattiva u ambizzjuża b'koperazzjoni mill-qrib ma' l-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw lill-operaturi Ewropej, flimkien mad-distribuzzjoni mill-ġdid tar-riżorsi baġitarji u ta' mezzi xierqa;

55. Jisħaq fuq il-ħtieġa li, fil-qafas ta' din il-politika kummerċjali esterna għall-inbejjed Ewropej, jiġu konklużi ftehimiet bilaterali ma' pajjiżi terzi dwar il-kummerċ ta' l-inbid, ibbażati fuq ir-rikonoxximent reċiproku u l-protezzjoni tad-denominazzjonijiet ġeografiċi;

56. Ifakkar li l-UE hija marbuta li bil-mod il-mod tneħħi s-sussidji tagħha fuq l-esportazzjoni sa l-2013; jistieden lill-Kummissjoni sabiex ittaffi l-konsegwenzi tat-tnaqqis tas-sussidji filwaqt li ttejjeb id-disponibbiltà tar-riżorsi għad-diversifikazzjoni tad-dħul tal-produtturi ta' l-inbid u filwaqt li tintroduċi aċċess kwalifikat għas-suq għall-prodotti vitikoli sa kemm u fejn hemm il-bżonn li jinżamm il-bilanċ fis-suq Ewropew.

57. Jixtieq li l-inbid jiġi integrat fil-lista ta' prodotti sensittivi tad-WTO;

58. Jemmen li minħabba l-partikularitajiet eżistenti tar-reġim ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' l-inbejjed, tista' tkun eżaminata l-possibiltà, waqt l-ewwel fażi tar-riforma (2008-2011), li jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u ta' denominazzjonijiet ta' oriġini għall-prodotti agrikoli u l-oġġetti ta' l-ikel [1], waqt li jsiru l-aġġustamenti meħtieġa, fis-CMO il-ġdida għas-settur ta' l-inbid; jirrimarka li matul it-tieni fażi tar-riforma (2012-2015), ladarba tkun tlestiet il-klassifika gradwali u r-reġistru uniku ta' l-inbejjed fuq livell Komunitarju u nazzjonali matul l-ewwel fażi, għandha tiġi eżaminata l-opportunità li jiġu inkorporati d-dispożizzjonijiet rilevanti tar-regolament futur dwar is-CMO l-ġdid tas-settur ta' l-inbid li għandhom x'jaqsmu ma' l-indikazzjonijiet ġeografiċi fir-Regolament (KE) Nru 510/2006;

59. Jenfasizza l-importanza tal-preokkupazzjonijiet mhux kummerċjali fil-qafas tad-WTO; jistieden lill-Kummissjoni biex tħejji programm ta' tikkettar għax-xorb alkoholiku mnissel mill-inbid li hu importat, li ma jikkonformax mal-prattiċi enoloġiċi Ewropej u li għalhekk m'għandux jiġi ttikkettat bħala nbid;

60. Jindika li wieħed mill-aktar riskji serji ta' l-adulterazzjoni tal-produzzjoni ta' l-inbid, tad-distorsjoni tas-suq u tat-tnaqqis tal-produzzjoni Komunitarja hu t-tneħħija tal-projbizzjoni li l-għeneb magħsur importat jiġi magħmul inbid u tneħħija li l-Kummissjoni għandha tirrifjuta fi ħdan il-qafas tad-WTO;

61. Jikkunsidra li l-leġiżlazzjoni Komunitarja m'għandhiex tippermetti li l-għeneb magħsur importat isir inbid u lanqas li jitħallat ma' l-għeneb magħsur Komunitarju, peress li proċeduri ta' dan it-tip m'humiex koerenti ma' miżuri oħra proposti mill-Kummissjoni, bħat-tagħżiq biex jitneħħew l-għeruq jew it-tneħħija ta' għajnuniet għall-użu ta' għeneb magħsur konċentrat biex jiżdied il-grad ta' alkoħol;

62. Jenfasizza li ma jeżistix l-obbligu li jsiru negozjati mad-WTO dwar il-possibilità li l-inbejjed importati minn pajjiżi terzi jitħalltu bejnithom u ma' l-inbejjed Komunitarji u jopponi żvilupp ta' dan it-tip, peress li din toħloq problemi enormi f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-oriġini, il-provenjenza u l-identifikazzjoni ta' prodotti u jkollha l-effet li tnaqqas il-valur ta' l-inbid prodott fil-pajjiżi Ewropej;

63. Jikkunsidra li, biex jiġu preżervati l-kwalità u r-reputazzjoni ta' l-inbejjed Ewropej, hu essenzjali li l-inbejjed u l-għeneb magħsur prodott fl-Unjoni Ewropea biss jistgħu jiġu użati fit-tħejjija tagħhom;

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12.

Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid — Ftehim kummerċjali bilaterali

64. Jinsab konvint li, f'perjodu ta' negozjati diffiċli, fil-qafas tad-WTO, u kif ukoll ta' ftehimiet bilaterali ta' l-Unjoni Ewropea, dwar il-protezzjoni tal-prodotti ta' l-ikel Ewropej, tal-prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi, tal-prodotti bijoloġiċi, eċċ., il-Kunsill għandu, wara li jikkonsulta mal-Parlament Ewropew, ikun l-uniku organu kompetenti għall-approvazzjoni ta' prattiki enoloġiċi ġodda, peress li, jekk din il-kompetenza tiġi trasferita lill-Kummissjoni, dan ikun ta' theddida għad-definizzjoni u l-klassifikar ta' l-inbejjed ta' kwalità fl-Unjoni Ewropea; iqis li prattiki enoloġiċi ta' dan it-tip għandhom jidħru fuq lista pożittiva Komunitarja;

65. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħmel minn kollox biex jiġu evitati l-frodi u d-denominazzjonijiet frawdolenti ta' oriġini ġeografika fil-pajjiżi terzi;

66. Iqis li s-CMO fis-settur ta' l-inbid m'għandux jiġi mċaħħad mill-mezzi finanzjarji kollha fil-livell Ewropew minħabba trasferiment għat-Tieni Pilastru tal-CAP u restituzzjonijiet għall-kompetenza nazzjonali ta' miżuri li jiftħu t-triq għal distorsjonijiet tal-kompetizzjoni u għal diskriminazzjoni bejn l-istrutturi ta' produzzjoni u ta' kummerċjalizzazzjoni u bejn l-Istati Membri;

67. Jenfasizza li l-prattiki enoloġiċi m'għandhom la joħolqu konfużjoni fost il-konsumaturi, la jitfgħu lill-kwalità lura, u lanqas joħolqu kompetizzjoni inġusta; iqis li l-prattiki enoloġiċi aċċettati s'issa m'għandhomx jiġu sistematikament awtorizzati u l-użu tagħhom m'għandux jiġi permess fl-Unjoni Ewropea, anke fil-każi fejn l-inbejjed huma limitati għall-esportazzjonijiet lejn ir-reġjuni fejn dawn il-prattiċi huma aċċettati;

68. Iqis li l-fatt li l-konċentrazzjoni ta' prattiċi enoloġiċi mill-Organizzazzjoni Internazzjonali tad-Dielja u l-Inbid hu pass fit-triq it-tajba, bil-kundizzjoni li dawn il-prattiki jiġu evalwati u stabbiliti fuq il-bażi ta' riċerka xjentifika u teknika u li jingħataw il-garanziji kollha f'dak li għandu x'jaqsam mas-sikurezza ta' l-ikel u mas-saħħa pubblika;

Informazzjoni u promozzjoni ta' konsum raġonevoli u responsabbli ta' l-inbid

69. Jinnota li hemm tnaqqis kostanti fil-konsum ta' l-inbid fl-Ewropa, b'mod partikulari fil-pajjiżi li tradizzjonalment jikkonsmaw l-inbid, tnaqqis li huwa l-kawża prinċipali għall-eċċessi strutturali ta' l-inbid; jinnota li fis-snin riċenti l-esportazzjoni ta' l-inbid staġnat, filwaqt li l-importazzjoni kibret b'mod dinamiku, u għalhekk sar indispensabbli li titkabbar il-kompetittività tas-settur Ewropew ta' l-inbid; jistieden lill-Kummissjoni sabiex, mingħajr dewmien, tħejji rapport li jispjega r-raġunijiet għan-nuqqas drastiku nnutat fl-esportazzjoni ta' l-inbid Ewropew f'dawn l-aħħar snin u t-tkabbir kostanti ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, waqt li jiġi preċiżat, b'mod partikolari, sa fejn qed jiġu rispettati l-ftehimiet kummerċjali bilaterali mal-pajjiżi terzi, sa kemm l-interessi leġittimi kummerċjali ta' l-UE u l-produtturi Ewropej qed jitqiesu u, fl-aħħar, jekk il-mekkaniżmi previsti mill-politika kummerċjali komuni biex jissolvew dawn il-problemi ntużawx kif jixraq;

70. Jenfasizza li l-iżvilupp sostenibbli tas-settur ta' l-inbid Ewropew jeħtieġ ir-rijallokazzjoni ta' riżorsi baġitarji sostanzjali, fil-qafas tas-CMO fis-settur ta' l-inbid, għall-promozzjoni ta' konsum raġonevoli u responsabbli ta' l-inbid; iqis li jekk it-tendenza għal konsum dejjem aktar raġonevoli u responsabbli ta' l-inbid tissaħħaħ, jingħata kontribut akbar għall-ħarsien tal-konsumatur Ewropew u tas-saħħa pubblika; iżid li dawn il-miżuri għandhom jiġu żviluppati permezz ta' sħubija reali bejn l-Komunita, l-Istati Memri, ir-reġjuni u s-settur vinikolu innifsu, li għandu rwol ewlieni x'jiehu;

71. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex tintroduċi politika kummerċjali proattiva li tippromwovi l-kwalità ta' l-inbejjed Ewropej u tiddefendi l-proċessi Ewropej għall-produzzjoni ta' l-inbid;

72. jenfasizza li l-prijoritajiet tal-Kummissjoni għandhom jinkludu wkoll it-tisħiħ tal-promozzjoni tal-prodotti ta' l-inbid u l-isforzi biex jinstabu konsumaturi u swieq ġodda, b'mod partikulari għall-esportazzjoni u fl-ambitu tas-swieq il-ġodda li qed jitfaċċaw, permezz ta' politika dinamika u ambizzjuża tal-kummerċ barrani mgħammar bir-riżorsi adegwati,

73. Iqis li hu indispensabbli li jiġi promoss u ffinanzjat l-informazzjoni għall-konsumatur dwar il-karatteristiċi kwalitattivi ta' l-inbid prodott fl-Ewropa skond prattiċi enoloġiċi tradizzjonali kontrollati, bil-għan li jħares lilu nnifsu mill-prodotti importati ta' kwalità dubbjuża u li jiġi promoss l-inbid prodott fl-Ewropea fis-suq intern u dak dinji;

Pakketti nazzjonali — Linji politiċi Komunitarji uniformi bbażati fuq programmi għall-appoġġ u l-iżvilupp għas-settur ta' l-inbid:

74. Jenfasizza l-ħtieġa li jinżamm il-baġit Komunitarju u li ma jiġux trasferiti fondi mill-ewwel pilastru għat-tieni pilastru tal-CAP, li jirrigwarda l-iżvilupp rurali, peress li dan jista' jirriżulta fit-tnaqqis tar-riżorsi bi ħsara tas-settur ta' l-inbid; jitlob li l-miżuri eliġibbli għal fondi jiġu speċifikati b'mod ċar, sabiex jiġi garantit li l-fondi fir-realtà jintużaw għas-settur ta' l-inbid.

75. Jirrakkomanda li, wara li jitqiesu l-objettivi tar-riforma tas-CMO fis-settur ta' l-inbid, li hija intenzjonata biex din issir aktar sostenibbli u kompetittiva, jiġi stabbilit qafas Komunitarju, li jkun jista' jiġi implimentat fil-livell nazzjonali/reġjonali, inkluż dak li għandu x'jaqsam mal-finanzjament, li għandu jiġi mill-ewwel pilastru tal-CAP, iġifieri ir-riżorsi tas-CMO fis-settur ta' l-inbid; jemmen li dawn il-politiki jistgħu jinkludu r-ristrutturazzjoni tal-vinji, il-miżuri intenzjonati biex jittejbu l-istrutturi ta' reġistrar u ta' kummerċjalizzar, il-prattiki ta' tkabbir u l-istandards ambjentali fil-qafas ta' l-immaniġġjar tal-kwalità, il-mekkaniżmu ta' reazzjoni għall-emerġenzi, ir-riċerka dwar il-produzzjoni u t-titjib tal-kummerċjalizzar tal-prodotti, ir-reazzjoni għad-diżastri naturali, il-promozzjoni u t-tagħrif tal-konsumatur, kif ukoll it-tagħżiq biex jinqalgħu l-għeruq u, waqt fażi tranżitorja, il-ħżin privat, il-miżuri ta' distillazzjoni u mekkaniżmi validi oħra tas-suq;

76. Jispeċifika li, għar-reviżoni tas-CMO tas-settur tal-produzzjoni ta' l-inbid, għandha tingħata prijorità biex jiġu stabbiliti politiki li jikkontribwixxu għall-promozzjoni tal-kompetittività u għat-titjib tal-kwalità ta' l-inbejjed Ewropej; jenfasizza li t-tqassim tar-riżorsi Komunitarji bejn programmi nazzjonali għall-appoġġ u l-iżvilupp għas-settur ta' l-inbid għandu jsir fuq il-bażi ta' kriterji komuni b'mod li jiġu evitati inugwaljanzi bejn l-Istati Membri u r-reġjuni;

77. Jenfasizza li, meta jintgħażel il-metodu ta' allokazzjoni tar-riżorsi tal-Komunità għal kull programm ta' appoġġ u ta' żvilupp fis-settur ta' l-inbid nazzjonali, għandu jitqies il-fatt li l-miżuri ta' intervent fis-suq — li ġew użati b'modi kompletament differenti mill-Istati Membri — jassorbu ammont sinifikanti tar-riżorsi tas-CMO attwali fis-settur ta' l-inbid;

78. Iqis li, jekk wieħed jibbaża fuq id-data ta' l-istatistika tal-produzzjoni u ż-żona użata għall-vitikultura f'kull Stat Membru waqt perijodu partikolari, pereżempju għall-perijodu bejn l-2001 u l-2005, il-baġit mill-pakkett nazzjonali kien ikollu jiġi allokat fil-bidu sabiex l-Istati Membri jkunu jistgħu jużawhom fi ħdan il-pakkett indikat, ikunu xi jkunu l-istrumenti li jqis bħala xierqa f'qafas regolatorju stabbilit minn qabel fuq il-livell Komunitarju skond il-kriterji oġġettivi, li fihom il-miżuri previsti jipprovdu għall-istess għajnuna għall-Istati Membri kollha;

79. Iqis, madankollu, li tista' tiġi prevista soluzzjoni valida oħra, ibbażata fuq l-ammonti użati minn kull Stat Membru waqt is-CMO tas-settur ta' l-inbid attwali, jew it-tħejjija ta' formola u/jew ta' kriterji mħallta li jqisu *data* storika, id-daqs tal-vinja, il-kwantitajiet prodotti u kumerċjalizzati għal kull Stat Membru, biex tiġi garantita sistema ta' eliġibilità għall-ħlasijiet li jilħqu l-objettivi tar-riforma;

80. Iqis li, meta Stat Membru jikkunsidra li hemm bżonn ta' għajnuna supplimentari għat-titjib ta' l-interventi strutturali tiegħu fis-settur ta' l-inbid, huwa indispensabbli li jkun jista' jikkofinanzja bl-istess mod lil dawn mit-tieni pilastru tal-CAP, dejjem fil-każ ta' azzjonijiet eliġibbli; iqis li dawn għandhom prinċipalment jikkonċernaw azzjonijiet li jorbtu l-interventi strutturali, minn naħa, u l-iskemi ta' rtirar kmieni u l-politiki għall-appoġġ ta' bdiewa żgħażagħ irġiel u nisa, min-naħa l-oħra;

81. Iqis li l-pjantaġġuni l-ġodda ma jistgħux jiġu integrati fost l-azzjonijiet eliġibbli għall-fondi;

82. Jikkunsidra li kwalunkwe riforma tas-CMO fis-settur ta' l-inbid għandha tħares u ssaħħaħ il-kompetittività tal-produtturi ta' l-inbid Ewropej; jenfasizza li l-kapaċità ta' innovazzjoni u d-dinamiżmu huma, f'dan ir-rigward, aspetti essenzjali;

*

* *

83. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.